MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja**

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 107/8

**It-Tlieta 30 ta' Jannar 2024**

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-ħamsa (5:00pm) ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr Marija Sara Vella Gafà – Sindku
Marija Micallef – Viċi Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Audrey Amri Brincat - Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Nil

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA

107.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

107.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

107.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

107.4 Approvazzjoni tal-Kunsillier il-ġdid (Post Vakant);

107.5 Approvazzjoni tar-Rapport Finali tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2024;

107.6 Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv għas-sena 2023;

107.7 Is-Sitwazzjoni tal-Indafa fil-lokalita tal-Gudja;

107.8 Is-Sitwazzjoni tal-Binja Amministrattiva tal-Kunsill Lokali;

107.9 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

107.10 Rapporti;

107.11 Temi oħra tal-Kunsill Lokali; a. Ġnien Raymond Caruana – progress

b. Miz 4.4: Ħitan tas-Sejjieħ – progress

c. Miz 4.3: Toroq Rurali – progress Tender GLC01/2023: The Major Rehabilitation of Rural Passageways in Tal-Għoljiet and Sqaq il-Loġġa in Gudja

d. Proġett tal-Pjazza – progress

e. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress

107.12 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

107.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

## Minuti

### Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Marija Sara Vella Gafa ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-ħamsa u għaxra ta` filgħaxija (5:10pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

### 107.1 Qari tal-ittri ta' apoloġilji

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**107.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva l-minuti nru 102/08 u nru 103/08 nem con.

**107.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

107.3.1 Ġie preżentat ir-rapport tal-kuntrattur għax-xahar ta' Jannar 2024. Ġie nnutat li l-ġbir tal-iskart qed jibda kmieni bil-konsegwenza li qed jitħalla xi skart.

107.3.2 Ġiet ppreżentata korrispondenza dwar il-magna tal-BCRS, fejn kien hemm xi ilmenti minn xi residenti minħabba l-inkonvenjent li kien qed toħloq din il-magna u kien hemm it-talba sabiex din il-magna tiġi rilokata. Wara diskussjoni, il-Kunsillier S Caruana qal li huwa ma jsibx oġġezzjoni li l-magna tiċċaqlaq għax fl-aħħar laqgħa kulħadd qabel fuq is-sit il-ġdid u li vera tagħmel ċertu ħsejjes. Is-Sindku qalet li ser ikun hemm nies li ser jilmentaw li l-magna mhux ser tibqa' aktar ċentrali biex tintlaħaq minn nies. Is-Sindku żiedet tgħid li jekk kulħadd lest li jwieġeb għal mistoqsijiet ta' residenti ma tkunx problema li din tiċċaqlaq. Wara diskussjoni, dawk preżenti qabblu sabiex jintalbu l-permessi meħtieġa biex il-magna tiċċaqlaq f'Dawret il-Gudja u jagħmel tajjeb l-istess Kunsill għal-ispejjeż.

107.3.3 Ġiet preżentata korrispondenza mibugħta mill-iskola ta' St. Jean Antide dwar attivita' għat-tfal sabiex il-Kunsill jassisti billi jipprovdi servizz tal-uffiċjal tal-LESA għal waqt din l-attivita. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

107.3.4 Saret referenza għal attivita' li tellgħet f'Bir Miftuħ matul il-Ħadd 28 ta' Jannar 2024, fejn il-Kunsill ma kienx infurmat li ser jkun qed jintuża Ġnien il-Qari għal din l-attivita'.

107.3.5 Ġiet preżentata talba sabiex isir attività fi Ġnien il-Qari u jsir użu ta' bouncing castle u generator għal 15 – il persuna. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti u ntalab li jsir il-permess meħtieġ.

107.3.6 Ġiet moqrija l-korrispondenza li ntbagħatet mill-Gudja United F.C sabiex il-Kunsill jgħin finanzjarjament u jagħmel tajjeb billi jħallas spiża ta' trasport. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

107.3.7 Preżentata korrispondenza sabiex isir filmat tal-Gudja, fejn il-Kunsill approva li jsir dan il-filmat għal prezz ta' tlett mitt ewro excl VAT.

107.3.8 Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li l-Kunsill kien applika għall-korsijiet ta' Life Long Learning li ser jerġgħu jibdew minn Ottubru 2024.

107.3.9 Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li ser ikunu qed isiru sezzjonijiet ta' informazzjoni mill-Primary Health Care fix-xahar ta' April, Mejju u Ġunju. Is-Sindku talbet biex tintbagħat notifika dwar dan.

107.3.10 Preżentata l-korrispondenza dwar Skema ta' Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi, fejn il-Kunsillier S Caruana propona sabiex il-Kunsill jara li jerġa' jsir is-salib ta' dejma ta' Triq il-Gudja. Dwar dan il-Kunsill ser ikun ser jiċċekkja mad-Dipartiment jekk il-Kunsill ikunx eliġibbli biex jagħmel dan ix-xogħlijiet. Ġie ssuġeriet ukoll li jsiru niċeċ ta' residenzi li wrew interess tagħhom li jsiru interventi fil-propjeta' tagħhom.

107.3.11 Preżentata kwotazzjoni tax-xogħlijiet ta' central strip fi Vjal it-Torri fejn ser isir l-arblu tas-Soċjeta Filarmonika La Stella. Is-Sindku talbet sabiex jinġiebu żewġ kwotazzjonijiet oħra għal dan ix-xogħol.

107.3.12 Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li l-Kunsill ġie nfurmat mis-Segretarju Parlamentari Onor. Zerafa Civelli li l-iskema tal-parkeġġ ser tkun qed titla' Parlament fil-ġimgħat li ġejjin.

107.3.13 Preżentata korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand resident rigward il-problema ta' parkeġġ li qed isir fil-ħamrija li hemm quddiem l-ajruport internazzjonali. Dwar dan il-Kunsill kien bgħat diversi korrispondenzi u anke fuq is-sinjali ta' traffiku lill-IM.

107.3.14 Preżentata korrispondenza dwar talba biex isiru linji sofor fi Triq San Mark ma' Triq il-Magħsar. Il-linji ser ikunu qegħdin isiru wara li jitlestew ix-xogħlijiet f'din l-istess triq.

107.3.15 Preżentata korrispondenza dwar l-iskema tal-Proġetti fil-Komunitajiet – Fondi mill-LESA. Il-Kunsillier S Caruana propona sabiex il-Kunsill japplika sabiex jitħawwlu xi siġar fic-central strips ta' Dawret il-Gudja. Is-Sindku talbet sabiex jintbagħtu l-proposti lill-Kunsill.

107.3.16 Is-Sindku talbet sabiex il-fondi tal-LESA biex isir il-proġett ta' fejn il-Palazz jiġu trasferiti għal proġett tal-pjazza. Dwar dan kien hemm qbil.

**107.4 Approvazzjoni tal-Kunsillier il-ġdid (Post Vakant);**

Ġiet moqrija l-ittra mibugħta mill-Kummissjarju Elettorali Prinċipali dwar ir-riżenja tal-kunsillier mill-Kunsill Lokali tal-Gudja. Nqrat ukoll l-ittra li ntbgħatet mid-Deputat Mexxej tal-Partit Laburista fejn ġiet mressqa nomina tas-Sur Angelo Agius sabiex jiġi elett permezz ta' co-option f'ismu, bħala Kunsillier. Dawk preżenti approvaw in-nomina tas-Sur Angelo Agius unanimament.

**107.5 Approvazzjoni tar-Rapport Finali tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2024;**

Is-Sindku preżentat l-Estimi Finanżjarji għas-sena 2024. Dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

**107.6 Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv għas-sena 2023;**

Is-Sindku preżentat ir-Rapport Amministrattiv għas-sena 2023 u għal ħidma ta` tlett snin li ġejjin. Dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

**107.7 Is-Sitwazzjoni tal-Indafa fil-lokalita tal-Gudja;**

Is-Sindku għamlet referenza għad-diskussjoni li l-Kunsill kellu mad-direttur tal-Clean Malta, fejn talbet sabiex il-Kunsill jistaqsi dwar il-Pilot Project li kellu jsir fil-lokalita tal-Gudja sabiex Clean Malta tibgħat ħaddiema tagħha sabiex jagħmlu servizz tal-knis.

**107.8 Is-Sitwazzjoni tal-Binja Amministrattiva tal-Kunsill Lokali;**

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti dwar is-smigħ tal-kawża dwar il-binja amministrattiva tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku żiedet tgħid li ser terġa' tinstema fis-26 ta' Marzu 2024. Saret ukoll referenza għal korrispondenza li ntbgħatet mid-Direttur Ġenerali, is-Sur Emil Vassallo dwar li l-Kunsill jista' jmur għal direct order. Is-Sindku żiedet tgħid li viċin il-Kunsill hemm propjeta' tal-Gvern li tista' tkun tajba għal Kunsill.

**107.9 Rapporti;**

Ma kien hemmx rapporti.

**107.10 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

107.10.1 Il-Kunsillier S Caruana għamel referenza għac-cctv ta' Ġnien il-Qari biex il-Kunsill jiċċekkja jekk hux qed taħdem.

107.10.2 Il-Kunsillier S Caruana għamel referenza għal żvilupp li ser isir fi Triq San Pawl, il-Gudja. Dan l-iżvilupp ser jikkonsisti fi tlett sulari taħt l-art u sular iktar mill-binjiet l-oħra. Is-Sur Caruana propona sabiex il-Kunsill jipprepara ittra ta' rappreżentazzjoni kontra dan l-iżvilupp. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

107.10.3 Il-Kunsilliera A Amri Brincat għamlet referenza għat-tindif tal-ġibjun ta' Dawret il-Gudja.

**107.11 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

**a. Triq iż-Żebbuġa – progress**
**b. Ġnien Raymond Caruana – progress**
**c. Miz 4.4: Ħitan tas-Sejjieħ – progress**
**d. Miz 4.3: Toroq Rurali – progress**
**Tender GLC01/2023: The Major Rehabilitation of Rural Passageways in Tal-Gholjiet and Sqaq il-Logga in Gudja**
**e. Proġett tal-Pjazza – progress**
**f. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress**

**107.12 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Il-pagamenti nru 58/8 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Viċi Sindku M Micallef u sekondata mill-Kunsillier S Caruana għall-ammont totali ta' €50,768.71 u ġiet approvata nem con.

**107.13 Tmiem tal-Laqgha**

Il-Laqgħa ntemmet fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (7:30pm). Is-Sindku aġġornat il-laqgħa għal nhar it-Tnejn 19 ta' Frar 2024 fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum it-Tnejn 19 tà Frar 2024

ffirmati
Dr. Marija Sara Vella Gafà
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv